

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 — Gnango vs Il-Kunsill

(Kawża T-139/11)

(2011/C 130/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Loba Emmanuel Patrice Gnango (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkonstata li, rigward ir-rikorrent, L.E.P. Gnango, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tal-14 ta' Jannar 2011, ippublikati fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma humiex fondati fil-fatt,

— konsegwentement,

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill UE Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK tal-14 ta' Jannar 2011;

— sussidjarjament, tordna li l-isem ta' L.E.P. Gnango jitneħħa mil-listi annessi mal-imsemmi regolament u mal-imsemmija deċiżjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-137/11, Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 — Guei vs Il-Kunsill

(Kawża T-140/11)

(2011/C 130/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Badia Brice Guei (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkonstata li, rigward ir-rikorrent, B.B. Guei, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tal-14 ta' Jannar 2011, ippub-

blikati fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma humiex fondati fil-fatt,

— konsegwentement,

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill UE Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011;

— sussidjarjament, tordna li l-isem ta' B.B. Guei jitneħħa mil-listi annessi mal-imsemmi regolament u mal-imsemmija deċiżjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-137/11, Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 — Dogbo vs Il-Kunsill

(Kawża T-141/11)

(2011/C 130/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Blé Brunot Dogbo (Abidjan, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkonstata li, fir-rigward tar-rikorrent, Blé Brunot DOGBO, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, ippublikati fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma għandhomx bażi fattwali,

— għalhekk,

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011;

— sussidjarjament, tordna li l-isem Blé Brunot DOGBO jitneħħa mil-listi annessi fl-istess Regolament u Deċiżjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali msemmija mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk imsemmija fil-kuntest tal-Kawża T-137/11, Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill.